**MINUTI**

**KAMRA TAD-DEPUTATI**

**L-ERBATAX-IL PARLAMENT**

**SEDUTA NRU 164**

It-Tnejn, 6 ta' Novembru 2023

Il-Kamra tad-Deputati ltaqgħet fis-Sala tal-Parlament, il-Belt Valletta fis-6.01 p.m.

L-Ispeaker, l-Onor. Anġlu Farrugia, ippreseda.

## ATTENDENZA

Il-Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ l-Onor. Ian Borg, il-Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal l-Onor. Michael Falzon u l-Ministru għat-Turiżmu l-Onor. Clayton Bartolo kienu msiefra fuq xogħol tal-Gvern.

L-Onor. Alex Muscat kien assenti.

## TALBA

L-Iskrivan tal-Kamra qal it-talba.

## MINUTI

Il-Minuti tas-Seduta Nru 163 li saret fl-1 ta' Novembru 2023 kienu konfermati.

## DEĊIŻJONI TAS-SEDJA

L-Ispeaker ta ruling dwar it-talba tal-Onor. Darren Carabott dwar tweġibiet mogħtija mill-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali għal mistoqsijiet supplimentari li saru fis-seduta 163 tal-1 ta' Novembru 2023.

## INFORMAZZJONI MIS-SEDJA

L-Ispeaker qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 2466 Tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 24 li saret lis-Sedja mill-Onor. Rebekah Borg dwar l-advisory cost limit fir-rigward ta' tweġibiet għal mistoqsijiet parlamentari;

P.L. 2467 Tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 25 li saret lis-Sedja mill-Onor. Karol Aquilina dwar każijiet pendenti quddiem l-Ombudsman;

P.L. 2468 Korrispondenza mibgħuta lis-Sedja mill-Ombudsman ai termini tal-Artikolu 22(4) tal-Att dwar l-Ombudsman dwar investigazzjoni mill-Uffiċċju tiegħu dwar irmonk ta' vetturi bir-referenza Omb-22-2901, datata 2 ta' Novembru 2023; u

P.L. 2469 Rapport tal-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika bl-isem *Follow-up Audits Report by the National Audit Office 2023 – Volume II* datat Novembru 2023 li ġie mgħoddi lis-Sedja fis-6 ta' Novembru 2023

**MISTOQSIJIET**

Mistoqsijiet ġew magħmula u mogħtija tweġiba.

Bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 11192, il-Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar, l-Onor. Stefan Zrinzo Azzopardi, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 2470 Lista li turi n-numru ta' inċidenti fatali fuq xogħol ta' kostruzzjoni fil-perjodu bejn l-2002 u l-2023.

Fis-6.30 p.m. l-aħħar mistoqsija kienet numru 11192 u l-mistoqsijiet l-oħra kollha li dehru fuq l-aġenda ngħataw tweġiba bil-miktub.

**TQEGĦID TA' KARTI**

Id-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa, l-Onor. Chris Fearne, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 2471 Informazzjoni dwar major lower limb amputations meħuda mill-European Journal for Vascular and Endovascular Surgery Journal, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 13013.

Il-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali, l-Onor. Aaron Farrugia, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 2472 Avviż Legali Nru 260 tal-2023 – Regolamenti tal-2023 li jemendaw ir-Regolamenti dwar in-Nollijiet għal Servizz bid-Dgħajjes għall-Għar ta' Taħt il-Ħnejja (Blue Grotto) u Għerien tal-Viċin; u

P.L. 2473 Tabella li turi n-numru ta' permessi ta' parking approvati għal persuni b'diżabilità maqsuma skont it-tip ta' parkeġġ għas-snin bejn l-2019 u l-2023 maqsuma lokalità lokalità, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 12538.

Il-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol, l-Onor. Clyde Caruana, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 2474 Avviż Legali Nru 261 tal-2023 – Indiċi tal-Prezzijiet dwar Proprjetà Immobbli;

P.L. 2475 Artiklu li deher fuq is-sit *timesofmalta.com* fl-4 ta' Ġunju 2023, bl-isem Malta's population could increase to 800,000 by 2040 – Clyde Caruana, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 13021.

Il-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni, l-Onor. Clifton Grima, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 2476 Informazzjoni dwar il-kors ta' Master of Social Work fil-Fakultà għat-Tisħiħ għas-Soċjetà offrut mill-Università ta' Malta, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 11196.

Il-Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar, l-Onor. Stefan Zrinzo Azzopardi, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 2477 Informazzjoni dwar rapporti li saru lill-Awtorità tal-Bini u l-Kostruzzjoni (BCA) dwar is-sit fejn kien il-Mistra Village fix-Xemxija, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 12802, u

f'isem il-Prim Ministru qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 2478 Informazzjoni dwar in-nefqa li saret b'rabta mas-summit Med9, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 12836.

Il-Ministru għall-Ġustizzja, l-Onor. Jonathan Attard, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 2479 Avviż Legali Nru 258 tal-2023 – Regolamenti tal-2023 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Timijiet ta' Investigazzjoni Konġunta (Stati Membri tal-UE); u

P.L. 2480 Avviż Legali Nru 259 tal-2023 – Regolamenti tal-2023 li jemendaw ir-Regolamenti dwar l-Ordni ta' Investigazzjoni Ewropew.

Il-Ministru għall-Anzjanità Attiva, l-Onor. Jo Etienne Abela, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 2481 Rapport annwali u stqarrijiet finanzjarji tal-Awtorità dwar il-Mediċini għas-sena 2022.

## ORDNIJIET TAL-ĠURNATA

L-Iskrivan tal-Kamra qara l-Ordnijiet tal-Ġurnata.

### 1. MOZZJONI BIEX IL-KAMRA TMUR F'KUMITAT TA' PROVVISTA GĦALL-KONSIDERAZZJONI TAL-ESTIMI ĠENERALI TA' SPIŻA GĦAS-SENA 2024 - MOZZJONI 179 - L-EWWEL JUM IMĦOLLI KOLLU GĦALL-OPPOŻIZZJONI

Skont il-ftehim milħuq, l-Ispeaker stieden lill-impjegati tal-Public Broadcasting Services (PBS) jidħlu fil-Kamra sabiex jittrasmettu s-seduta dirett fuq it-televiżjoni. Id-diskors tal-Kap tal-Oppożizzjoni ġie mxandar ukoll bil-lingwa tas-sinjali għal persuni neqsin mis-smigħ.

Il-*media* ingħatat permess sabiex tiġbed ritratti u filmati għal ftit minuti.

L-impjegati tal-PBS daħlu fil-Kamra u bdew jaqdu d-dmirijiet tagħhom.

Fis-6.33 p.m., il-Kap tal-Oppożizzjoni, l-Onor. Bernard Grech, beda d-diskors tiegħu u s-seduta bdiet tixxandar dirett mill-PBS.

Il-Kamra rriżumiet mill-31 ta' Ottubru 2023 id-diskussjoni fuq il-Mozzjoni tal-Ministru għall-Finanzi biex il-Kamra tmur f'Kumitat ta' Provvista għall-Konsiderazzjoni tal-Estimi Ġenerali ta' Spiża għas-sena 2024.

Skont il-Mozzjoni Nru 183 tal-31 ta' Ottubru 2023 id-diskors kien eżenti mil-limitu ta' ħin għad-diskorsi u l-ħin tal-interruzzjoni tax-xogħol kien fit-8.30 p.m.

Fit-8.32 p.m. il-Kap tal-Oppożizzjoni kkonkluda d-diskors tiegħu u d-diskussjoni baqgħet aġġornata.

L-Ispeaker irringrazzja lill-*crew* tal-PBS u talabhom jirtiraw.

**AĠĠORNAMENT**

Fit-8.32 p.m. is-Segretarju Parlamentari għad-Djalogu Soċjali, l-Onor. Andy Ellul, ippropona l-aġġornament tal-Kamra għat-Tlieta, 7 ta' Novembru 2023, fis-6.00 p.m. b'din l-aġenda:

**ORDNIJIET TAL-ĠURNATA**

Mozzjoni biex il-Kamra tmur f'Kumitat ta' Provvista għall-konsiderazzjoni tal-Estimi Ġenerali ta' Spiża għas-sena 2024 (It-Tieni Jum Imħolli kollu għall-Gvern).

Is-Segretarju Parlamentari għad-Djalogu Soċjali informa lill-Kamra li skont ftehim milħuq, id-diskors tal-Prim Ministru kien se jkun imxandar b'mod dirett mill-Public Broadcasting Services (PBS), b'kull stazzjon tat-televiżjoni jew internet *service provider* jingħata *clean feed* mill-PBS.

L-Onor. Ellul informa wkoll lill-Kamra li d-diskors tal-Prim Ministru kien se jiġi mxandar bil-lingwa tas-sinjali għal persuni neqsin mis-smigħ u li fil-bidu tas-seduta, fotografi u *cameramen* jitħallew jieħdu ritratti/filmati għal ftit minuti.

Fit-8.34 p.m. il-Kamra aġġornat skont il-Mozzjoni ta' Proċedura Nru 183 tal-31 ta' Ottubru 2023.

**RAYMOND SCICLUNA**
**SKRIVAN TAL-KAMRA**

**KONFERMATI**

**ONOR. ANĠLU FARRUGIA**
**SPEAKER**